

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 20.12.2010
KUMM(2010) 795 finali

2010/0381 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 dwar ir-Regolament
Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp, fir-rigward tas-
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

(imressaq mill-Kummissjoni)

MEMORANDUN TA' SPJEGAZZJONI

Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ir-RF għall-Għaxar FEŻ) jirregola r-regoli u proċeduri kollha applikabbli għall-użu tar-riżorsi tal-FEŻ. Kemm jista' jkun, huwa allinjat mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jqis l-ispeċifità tal-FEŻ li l-finanzjament tiegħu jibqa' barra mill-baġit tal-UE.

Il-proposta preżenti tal-Kummissjoni timmira li temenda r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilup biex tiegħu inkunsiderazzjoni l-ħolqien tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (minn hawn 'il quddiem is-SEAE) kif previst fit-Trattat ta' Lisbona.

Il-bidliet proposti huma konformi mal-modifiki li saru fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali għall-istess għan, bir-Regolament Nru 1081/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali, fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Minħabba li l-proposta attwali ma setgħetx tkun imressqa qabel l-adozzjoni finali tar-Regolament Nru 1081/2010 fl-24 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni tikkunsidra li hija xi ħaġa urġenti li jkun emendat ir-RF tal-Għaxar FEŻ kemm jista' jkun malajr, sabiex jipprovdi qafas legali stabbli għall-implimentazzjoni tal-FEŻ u jipprevjeni diskrepanzi fl-implimentazzjoni tal-baġit u tar-riżorsi tal-FEŻ.

Kif dispost fl-Artikolu 10(2) tal-Ftehim Intern, il-proposta preżenti tal-Kummissjoni għandha tkun adottata mill-Kunsill, wara li jkunu rċevuti l-opinjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u tal-Qorti tal-Awdituri.

Bidliet prinċipali relatati mal-ħolqien tas-SEAE:

Il-modifiki introdotti għandhom l-għan li jintegraw is-SEAE fil-qafas tal-governanza finanzjarja tal-Kummissjoni kull meta tipparteċipa fl-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ.

Il-bidliet prinċipali proposti għar-RF tal-Għaxar FEŻ sabiex jallinjawh mal-emendi proposti tar-Regolament Finanzjarju, fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna:

- Il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni b'sottodelega mid-Diretturi Ġenerali (DG) u jsiru uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega (AOSDs). Meta jimplimentaw ir-riżorsi tal-FEŻ il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom japplikaw ir-regoli tal-Kummissjoni u huma suġġetti għall-istess dmirijiet u obbligi bħal kwalunkwe uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega ieħor. Għal dan il-għan il-Kummissjoni tista' tagħtihom struzzjonijiet fejn ikun meħtieġ u xieraq;
- Il-Kummissjoni tibqa' responsabbli għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ, inkluż ir-riżorsi tal-FEŻ implimentati mill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet li huma uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega;
- Sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni tan-nefqa ta' sostenn mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni prevista fl-Artikolu 6 tal-Ftehim Intern, arranġamenti dettaljati jistgħu jkunu mifthiema bejn il-Kummissjoni u s-SEAE;

- Biex jippermetti lill-Kummissjoni twettaq ir-responsabilitajiet tagħha, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni neċessarja u assigurazzjoni, flimkien ma' rapport li jinkludi informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' ġestjoni u kontrolli interni fid-delegazzjoni tagħhom, kif ukoll dwar il-ġestjoni ta' operazzjonijiet sottodelegati lilhom;
- Fil-kuntest ta' kwittanza, is-SEAE għandha tkun soġġetta kompletament għall-proċeduri disposti fl-Artikoli 142 sa 144 tar-RF tal-Għaxar FEŻ u għandu jkun hemm koperazzjoni bis-sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti;
- Il-bord tal-Kummissjoni dwar l-irregolaritajiet għandu jkun ukoll il-bord dwar l-irregolaritajiet għas-SEAE f'każijiet fejn il-Kummissjoni tissottodelega setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- L-Uffiċjal tal-Kontabilità u l-Awditur Intern tal-Kummissjoni jibqgħu responsabbli għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ fl-intier tagħhom, inkluż ir-riżorsi tal-FEŻ sottodelegati lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni.
- Dispożizzjonijiet ġodda huma wkoll proposti biex jiżguraw li r-Rappreżentant Għoli jkollu rwol ċentrali għall-kordinazzjoni u skambju tal-informazzjoni kif jixraq bejn is-SEAE u l-Kummissjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp, fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000¹ u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005² (il-Ftehim ACP-KE),

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-għajnuna Komunitarja skont il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu bejn l-2008 u l-2013 skont il-Ftehim tal-AKP-KE u dwar l-allokkazzjoni tal-għajnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u għat-Territorji Barranin li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE³ (il-Ftehim Intern), u b'mod parikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea⁴,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri⁵,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment⁶,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁷, jistipula r-regoli ta' stabbiliment u l-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem "FEŻ").
- (2) It-Trattat ta' Lisbona jistabbilixxi Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (minn hawn 'il quddiem l-"SEAE"). Sabiex ikun ikkunsidrat l-istabbiliment tas-SEAE, ir-

¹ ĠU L 317, 16.9.2002, p. 3.

² ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

³ ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ ĠU L 78, 19.03.2008, p. 1.

Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁸ (minn hawn 'il quddiem 'ir-Regolament Finanzjarju') kien emendat⁹. Sabiex ikun provdut qafas legali stabbli għall-implimentazzjoni tal-FEŻ u biex ikun ikkunsidrat l-istabbiliment tas-SEAE u l-emendi tar-Regolament Finanzjarju, huwa neċessarju li jkun emendat ir-Regolament (KE) Nru 215/2008.

- (3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna¹⁰, s-SEAE huwa servizz ta' natura sui generis u għandu jiġi ttrattat bħala istituzzjoni għall-finijiet tar-Regolament Finanzjarju.
- (4) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li d-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni jsiru parti mis-SEAE bħala Delegazzjonijiet tal-Unjoni. Huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonament tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u b'mod partikolari l-kontinwità u l-effiċjenza fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-FEŻ mid-Delegazzjonijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex tgħaddi permezz ta' sottodelega s-setgħat tagħha ta' implimentazzjoni baġitarja tal-infiq operattiv lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jappartjenu għas-SEAE bħala istituzzjoni separata. L-uffiċjali awtorizzanti b'delega għandhom ikompli jkunu responsabbli għad-definizzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u kontroll interni, filwaqt li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu responsabbli għall-istabbiliment u t-tħaddim adegwati ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll interni u għall-ġestjoni tal-fondi u l-operazzjonijiet imwettqa fid-Delegazzjonijiet tagħhom. Huma għandhom jirrapportaw dwar dan darbtejn fis-sena. Huwa xieraq li jkun provdut għall-irtirar ta' tali delega skont ir-regoli applikabbli għall-Kummissjoni.
- (5) Sabiex ikunu konformi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, meta jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega, għandhom japplikaw ir-regoli tal-Kummissjoni u għandhom ikunu suġġetti għall-istess dmirijiet, obbligi u responsabilità bħal kwalunkwe uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega ieħor. Għal dawk il-finijiet, huma għandhom jirreferu wkoll għall-Kummissjoni bħala l-istituzzjoni tagħhom.
- (6) Fil-kuntest tal-kwittanza, ladarba s-SEAE għandu jkun trattat bħala istituzzjoni għall-finijiet tar-Regolament Finanzjarju, is-SEAE għandu jkun kompletament suġġett għall-proċeduri provdut għalihom fl-Artikoli 142, 143 u 144 tar-regolament (KE) Nru 215/2008. Is-SEAE għandu jikkopera bis-sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura ta' kwittanza u jipprovdi, kif xieraq, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa, inkluż permezz tal-attenzenza fil-laqgħat tal-korpi rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tibqa' responsabbli, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008, għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ, inkluż ir-riżorsi tal-FEŻ implimentati mill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet li huma uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega; Sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha, il-Kapijiet tad-

⁸ ĠUL 248, 16.9.2002, p. 1.

⁹ Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 1081/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, ĠUL 311, 26.11.2010, p. 9.

¹⁰ ĠUL 201, 3.8.2010, p. 30.

Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jiġi infurmat fl-istess ħin u għandu jiffaċilita l-koperazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u d-dipartimenti tal-Kummissjoni. Minħabba n-natura ġdida ta' din l-istruttura, jeħtieġ li jiġu applikati dispożizzjonijiet ta' standard għoli dwar it-trasparenza u r-responsabilità finanzjarja.

- (7) L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jibqa' responsabbli mill-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ fl-intier tagħhom, inklużi l-operazzjonijiet ta' kontabilità relatati ma' riżorsi tal-FEŻ sottodelegati lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni.
- (8) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega li huma persunal tas-SEAE u dak li huwa persunal tal-Kummissjoni, u sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tkun infurmata b'mod xieraq, il-bord speċjali għall-irregolaritajiet finanzjarji tal-Kummissjoni għandu wkoll ikun responsabbli biex jimmaniġġa irregolaritajiet fi ħdan is-SEAE fejn il-Kummissjoni għaddiet setgħat ta' implimentazzjoni b'sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni. Madankollu, sabiex tinżamm ir-rabta bejn ir-responsabilità tal-ġestjoni finanzjarja u l-azzjoni dixxiplinari, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata titlob lir-Rappreżentant Għoli sabiex jibda proċedimenti jekk il-bord isib irregolaritajiet li jikkonċernaw dawk il-kompetenzi tal-Kummissjoni mgħoddija b'sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni. F'dan il-każ ir-Rappreżentant Għoli għandu jieħu l-azzjoni xierqa skont ir-Regolamenti tal-Persunal.
- (9) Sabiex jkun żgurat kontroll intern effettiv u effikaċi il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet Ewropej għandhom ikunu suġġetti għas-setgħat ta' verifika tal-awditur intern tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja sottodelegata lilhom.
- (10) Biex jiġi żgurat l-iskrutinju demokratiku tal-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jipprovdu assigurazzjoni, flimkien ma' rapport li jkun jinkludi informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi interni ta' ġestjoni u kontroll fid-delegazzjoni tagħhom, kif ukoll dwar il-ġestjoni ta' operazzjonijiet li ġew fdati lilhom b'sottodelega. Ir-rapporti tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiġu mehmuża bħala annessi mar-rapport ta' attività annwali tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega responsabbli u jkunu disponibbli għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
- (11) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 215/2008 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 215/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 14(3), l-ewwel sottoparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod xieraq, l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi li ġejjin mill-FEŻ miżmumin minnha meta r-riżorsi tal-FEŻ jkunu implimentati fuq bażi ċentralizzata u direttament mid-dipartimenti tagħha

jew mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, u l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi kif ipprovduta mill-entitajiet li lilhom ikunu ddelegati l-kompiti tal-implimentazzjoni finanzjarja taħt modi oħrajn ta' ġestjoni."

- (2) Fl-Artikolu 17 għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Madanakollu, il-Kummissjoni tista' tiddelega l-poteri tagħha biex timplimenta r-riżorsi tal-FEŻ lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni. Hija għandha, fl-istess ħin, tgħarraf lir-Rappreżentant Għoli b'dan. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega, huma għandhom japplikaw ir-regoli tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ u għandhom ikunu sottomessi għall-istess dmirijiet, obbligi u responsabilità bħal kwalunkwe uffiċjal awtorizzanti ieħor b'sottodelega.

Il-Kummissjoni tista' tirtira dik id-delega skont ir-regoli tagħha stess.

Għall-finijiet tat-tieni paragrafu, ir-Rappreżentant Għoli għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilita l-koperazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u d-dipartimenti tal-Kummissjoni.

Arranġamenti dettaljati jistgħu jkunu miftiehma bejn il-Kummissjoni u S-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (minn hawn 'il quddiem "SEAE") sabiex tkun faċilitata l-implimentazzjoni, min-naħa tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, tar-riżorsi previsti għan-nefqa ta' sostenn marbuta mal-FEŻ skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim Intern."

- (3) L-Artikolu 25(1), l-ewwel sottoparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta l-Kummissjoni timplimenta r-riżorsi tal-FEŻ fuq bażi ċentralizzata, il-kompiti implimentattivi għandhom jitwettqu, jew direttament mid-dipartimenti tagħha jew mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, jew b'mod indirett, skont il-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu u mal-Artikoli 26 sa 29."

- (4) Fl-Artikolu 32, għandu jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, huma għandhom ikunu suġġetti għall-Kummissjoni bħala l-istituzzjoni responsabbli għad-definizzjoni, l-eżerċitar, il-kontroll u l-evalwazzjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega. Il-Kummissjoni għandha, fl-istess ħin, tgħarraf lir-Rappreżentant Għoli b'dan."

- (5) Fl-aħħar tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 38 is-sentenza segwenti hija miżjuda:

"Ir-rapporti annwali ta' attività tal-uffiċjali awtorizzanti b'delega għandhom jitqiegħdu wkoll għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."

- (6) Fl-Ewwwl Parti, Titolu IV, Kapitolu 3, Sezzjoni 2, jiżdied l-Artikolu 38a li ġej:

"Artikolu 38a

1. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, huma għandhom jikkoperaw mill-qrib mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni xierqa tal-fondi, sabiex tiġi żgurata, b'mod partikolari, il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, ir-rispett tal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba fil-ġestjoni tal-fondi u l-ħarsien effettiv tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Għal dan il-għan, huma għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevjenu kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tqiegħed fil-periklu r-responsabilità tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ sottodelegati lillhom kif ukoll kwalunkwe kunflitt ta' priyoritajiet li x'aktarx ikollu impatt fuq l-implimentazzjoni tal-kompiti tal-ġestjoni finanzjarja sottodelegati lillhom.

Meta tinqala' sitwazzjoni jew kunflitt tat-tip imsemmi fit-tieni sottoparagrafu, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jgħarrfu b'dan mingħajr dewmien lid-Diretturi Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni u tas-SEAE. Dawk id-Diretturi Ġenerali għandhom jieħdu passi xierqa biex isibu soluzzjoni għas-sitwazzjoni.

2. Jekk Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jsibu rwiehom f'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 37(4), huma għandhom jirreferu l-kwistjoni għall-bord speċjalizzat fuq l-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf skont l-Artikolu 54(3). Fil-każ ta' kwalunkwe attività illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-Komunità, huma għandhom jinformat lill-awtoritajiet u l-korpi maħtura mil-leġislażzjoni applikabbli.

3. Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 għandhom jagħmlu rapport lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega tagħhom sabiex dan ikun jista' jintegra r-rapporti tagħhom fir-rapport annwali ta' attività tiegħu msemmi fl-Artikolu 38. Ir-rapporti tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi interni ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti fid-Delegazzjoni tagħhom, kif ukoll dwar il-ġestjoni ta' operazzjonijiet sottodelegati lillhom, u jipprovdu l-assigurazzjoni skont l-Artikolu 54(2a). Dawn ir-rapporti għandhom jiġu mehmuża bħala annessi mar-rapport annwali tal-attività tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega, u għandhom ikunu disponibbli għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill filwaqt li titqies, fejn ikun xieraq, il-kunfidenzjalità tagħhom.

Il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkoperaw b'mod sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura ta' kwittanza u jipprovdu, kif xieraq, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali neċessarja. F'dan il-kuntest, jistgħu jintalbu jattendu laqgħat tal-korpi rilevanti u jassistu lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli b'delega.

4. Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 għandhom iwiegħbu għal kwalunkwe talba mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega fuq talba

tiegħu stess jew, fil-kuntest tal-kwittanza, meta t-talba ssir mill-Parlament Ewropew.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li setgħat sottodelegati mhumiex ta' detriment għall-proċedura ta' kwittanza, skont l-Artikoli 142, 143 u 144."

- (7) Fl-Artikolu 39(1) għandu jiżdied il-paragrafu li jmiss:

"L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jibqa' responsabbli għall-implimentazzjoni kompleta tar-riżorsi tal-FEŻ, inklużi l-operazzjonijiet ta' kontabilità li jirrigwardaw ir-riżorsi tal-FEŻ mgħoddija b'sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni."

- (8) L-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

- (a) għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Fil-każ ta' sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, l-uffiċjali awtorizzanti b'delega għandhom ikunu responsabbli għad-definizzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll interni fis-seħħ, l-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom. Il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu responsabbli għall-formazzjoni u l-funzjonament adegwat ta' dawk is-sistemi, skont l-istruzzjonijiet tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega, u għall-ġestjoni tal-fondi u l-operazzjonijiet li dawn jeżegwixxu fid-Delegazzjoni tal-Unjoni taħt ir-responsabilità tagħhom. Qabel ma jibdew jaqdu dmirijietom, huma għandhom isegwu korsijiet speċifiċi ta' taħriġ dwar il-kompiti u r-responsabilitajiet tal-uffiċjali awtorizzanti u dwar l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ, f'konformità mal-Artikolu 37(3).

Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jirrapportaw dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom skont l-ewwel sottoparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 38a(4).

Kull sena, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jipprovdu lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega l-assigurazzjoni fuq is-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll interni stabbiliti fid-Delegazzjoni tagħhom, kif ukoll dwar il-ġestjoni tal-operazzjonijiet sottodelegati lilhom u r-riżultati tagħhom, sabiex jippermettu lill-uffiċjal awtorizzanti biex jistabbilixxi d-dikjarazzjoni tiegħu ta' assicurazzjoni, kif previst fl-Artikolu 38."

- (b) għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, il-bord speċjalizzat għall-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jkun kompetenti għall-każijiet imsemmija f'dak il-paragrafu.

Jekk il-grupp jintebaħ bi problemi sistematiċi, dan għandu jibgħat rapport b'rakkomandazzjonijiet lill-uffiċjal awtorizzanti, lir-Rappreżentant Għoli

u lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega sakemm dan tal-aħħar ma jkunx il-persuna involuta, kif ukoll lill-awditur intern.

Abbażi tal-opinjoni tal-bord, il-Kummissjoni tista' titlob lir-Rappreżentant Għoli biex jibda, fil-kapaċità tar-Rappreżentant Għoli bħala awtorità tal-ħatra, proċedimenti li jwasslu għal azzjoni dixxiplinarja jew għal hłas ta' kumpens kontra l-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega jekk l-irregolaritajiet jirrigwardaw il-kompetenzi tal-Kummissjoni mgħoddija lilhom b'sottodelega. F'każ bħal dan, ir-Rappreżentant Għoli jieħu azzjoni xierqa skont ir-Regolament tal-Persunal biex jinforza d-deċiżjonijiet dwar l-azzjoni dixxiplinarja u/jew il-hłas ta' kumpens, kif rakkomandat mill-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw b'mod sħiħ lill-Unjoni fl-infurzar ta' kwalunkwe responsabilità skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Persunal tal-persunal temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2, punt (e) tal-Kundizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej."

(9) Fl-Artikolu 89, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-awditjar intern tas-SEAE, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 għandhom ikunu soġġetti għas-setgħat ta' verifika tal-awditur intern tal-Kummissjoni għall-ġestjoni finanzjarja mgħoddija lilhom b'sottodelega."

(10) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 144a

The EEAS shall be fully subject to the procedures provided for in Articles 142, 143 and 144. Is-SEAE għandu jikkopera bis-sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura ta' kwittanza u jipprovi, kif jixraq, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa, inkluż permezz tal-attenzenza f'laqgħat tal-korpi rilevanti."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*